**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Ronnie Gauci**

**Kaz. Nru: 2006/2024**

**Illum, 21 ta' Frar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Ronnie Gauci ta' 47 sena bin Grazio Gauci u Mary Rose xebba Muscat, imwieled Imtarfa fil-05 ta' Mejju 1976, Residenti 12, Sardonyx, Triq il-Qastan, Rabat Malta ID: 225076M**

**Akkuzat** talli nhar it-13 ta' Lulju 2023 u/jew fil-granet ta' qabel u/jew wara u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara gewwa Triq il-Qastan, Bahrija L/O Rabat u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt, bl-awtorita tieghek innifsek, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Allison Azzopardi fil-pussess ta' hwejjigha, jew thott bini, jew jikser li-mixi tal-ilma jew tiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahltu fi hwejjeg haddiehor;

2. U aktar talli bi hsara lil Allison Azzopardi ghamilt vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' Allison Azzopardi mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-Arikolu, u lanqas band ohra f'dan il-Kodici.

Il-Qorti giet mitluba biex ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew skond ic-cirkostanzi li jikkonforma ruhu mal-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda f'ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti u dan skond Art 377(3) u 377(5) tal-Kap 9.

Il-Qorti giet gentilment mitlub li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Art 533 tal-Kap 9(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra mill-piena applikabbli tapplika Sec 382a U 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Allison Azzopardi.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

[1] A folio 1 tal-process.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni mill-*parte civile*, ossija Allison Azzopardi, li tigi oht l-imputat li dan tal-ahhar kisrilha tambocc li qieghed bejn il-garaxx taghha u l-bitha tieghu li tigi fuq il-garaxx numerat 8, fi Triq il-Qastan, il-Bahrija, ir-Rabat. Jidher li dan it-tambocc li l-imputat ghandu fil-bitha tieghu iservi bhala venilatur kemm ghall-arja kif ukoll ghad-dawl ghall-garaxx tal-kwerelanta li jinsab taht il-bitha ta' l-imputat. Jidher li dawn ix-xogholijiet saru fit-13 ta' Lulju 2023.

L-istess kwerelanta fid-19 ta' Lulju 2023 irrapurtat li l-imputat qala' l-pipe tal-ilma li huwa tiela' ghal fuq il-bejt fejn hija ma tistax ittella' ilma minn gol-bir ghal fuq il-bejt.[3]

Mill-atti ma jidhirx ikkontestat li z-zewg azzjonijiet fuq it-tambocc u l-pipe saru mill-imputat imma qed jigi ikkontestat li ma sarux fid-dati tac-

[2] Folio 32 tal-process.

[3] A folio 8 u 9 tal-process.

citazzjoni u barra minn hekk qed jigi sottomess li l-kwerelanta qatt ma kienet fil-pussess tat-tambocc.[4]

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed **PS 1236 J. Gatt** fejn spjegat kif ir-rapport tal-kwerelanta dahal fl-ghassa tal-pulizija tar-Rabat. Is-surgent hadet il-verzjoni tal-kwerelanta li sostniet li huha nehha t-tambocc ghad-detriment taghha. Tghid li hu baghat video lil ommhom ta' dan ghalkemm hija fit-13 ta' Lulju 2023 ma kinitx id-dar. Hija sahqet ukoll li huha ukoll qala' l-pipe tal-ilma li jaghti ghal fuq il-bejt.

L-imputat meta msejjah mill-pulizija ghazel li ma jaghtix il-verzjoni tieghu.[5]

Xehdet **Allison Azzopardi** nhar it-12 ta' April 2024 fejn ikkonfermat ir-rapport u identifikat lil huha bhala l-persuna li ghamel ix-xogholijiet lamentati. Tghid li dak it-tambocc ilu hemm xi ghoxrin (20) sena u giet infurmatha minn binha li kienu qed isiru x-xogholijiet mill-imputat peress li hija kienet fuq id-dghajsa.[6]

---

[4] Ara trattazzjoni finali tad-difiza.

[5] A folio 3 u 4 tal-process.

[6] A folio 18 tal-process.

Tispjega li binha ha video tal-imputat jaghmel ix-xogholijiet u baghthom lill-ommhom u li wara waslu ghandha. Il-videos gew ipprezentati in atti.[7] Qalet li hi kienet avzatu minn qabel biex it-tambocc ma jkissrux ghax dik hija arja tal-garaxx. Tghid li hija ikkonsultat mal-perit taghha. Tghid li t-toqba tal-garaxx giet mikxufa minn kollox. Tghid li wara x-xogholijiet hu seta' x'hin ried jidhol fil-garaxx taghha. Ipprezentat ukoll traskrizzjoni ta' messaggi li juru li hija oggezzjonat ghax-xogholijiet.

Kontro-ezaminata tikkonferma li it-tambocc ilu hemm 20 sena u aktar u li huha qala' wkoll il-pipe tal-ilma li jitla' mill-garaxx taghha jghaddi gol-bitha tieghu u jibqa' tiela fuq il-bejt taghha.[8] Tichad li hija qatghet il-pipe tal-extractor. Tghid lit-tambocc halsitu hija u iffitjah tal-aluminium. Ma taqbilx li huha qed jirranga l-flat. Tichad li qalilha li hu kien ser jirranga t-tambocc ghas-spejjez tieghu. Taqbel li l-ewwel qaltlu iva imma meta qalilha li ser ibaxxih hija oggezzjonat u qaltlu biex ihalli kollox kif inhu.

Xehed l-imputat **Ronnie Gauci** waqt is-seduta tat-12 ta' April 2024 u qal li nhar l-20 ta' Settembru 2023 waqt li kien fil-kamra tal-banju huwa sema' l-istorbju. Jghid li sema' lil ohtu tghid ‚jekk hu ghala zobbu, jiena ghala zobbi aktar minnu'. Jghid li hija kienet ghada gejja mis-safar u hu kien qed ibiddel il-madum. Skont l-imputat hija kellha id-drain iqattar fuq it-tieqa tieghu u hu ghamel extension biex sakemm jaghmel il-grouting ma jxarrablux il-madum. Jghid li qabdet, qalghet il-katusa tal-hood, gibtitha, kisritha u tellghetha fuq. Haditha. Jghid li l-katusa kien ilha hemm xi ghoxrin (20) sena u cioe mill-1999. Jghid li hu raha tqaccat il-pipe.

---

[7] A folio 20 tal-process.

[8] A folio 21 tal-process.

Kontro-ezaminat jghid li hu raha mit-tieqa, minn gox-xaft. Jghid li jekk il-pulizija ma nizilx dan mhux tort tieghu imma tal-pulizija. Jghid li hu mar jaghmel ir-rapport mill-ewwel.

Xehdet **Allison Azzopardi** nhar il-11 ta' Ottubru 2024 fejn ikkonfermat li l-filmati hadhom l-imputat Ronnie Gauci, ghaddihom lil ommhom u ommhom baghtithom lilha.

**Ikkunsidrat:**

Din il-vertenza tirrigwarda zewg incidenti:

1. Wiehed tat-tambocc li allegatament gara fit-13 jew 15 ta' Lulju 2023;
2. L-iehor tal-pipe tad-19 ta' Lulju 2023.

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza bazikament tikkontendi li l-akkuza ma tistax tirrizulta ghax:

Id-data li hemm fl-akkuza hija it-13 ta' Lulju 2023 mentri fl-affidavit tal-pulizija hemm il-15 ta' Lulju. Dan huwa minnu ghax l-affidavit ta' PS 1236 Gatt jaghti x'jifhem li l-incident tat-tambocc sehh fil-15 ta' Lulju 2023.

Pero' l-Qorti tinnota li l-akkuza kif redatta titkellem fuq **it-13 ta' Lulju 2023 u/jew fil-granet ta' qabel u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew ta' wara**. Jigifieri anki kieku kellu jittiehed il-15 ta' Lulju 2023 bhala d-data t-tajba

dan huwa xorta kompriz fic-citazzjoni. Infatti l-Qorti wara li rat il-messaggi a folio 27 tal-process tghid li l-incident ma garax fit-13 ta' Lulju 2023 imma possibilment gara fil-15 ta' Lulju 2023 ghax il-konversazzjoni elettronika kienet ghada ghaddejja bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, l-ewwel sottomissjoni tad-difiza qed tigi skartata ghax ma tregix.

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza targumenta li l-filmati ma jistghux jigu ikkunsidrati minn din il-Qorti ghax ma ittiehidx mill-parte civili. Il-parte civile stess tghid li l-filmat allegatament intbaghtu minn huha lil ommhom u din ta' l-ahhar ghaddiethom lilha. L-omm ma telghetx tixhed f'dawn il-procedura u allura din il-Qorti tqis li c-*chain of custody* ta' dawn il-filmati inkiser ladarba ma hemmx il-konferma ta' min ircevihom originarjament.

Isegwi li din il-Qorti mhux se tohodhom in konsiderazzjoni u qed tilqa' f' dan is-sens din is-sottomissjoni tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza targumenta li t-tambocc qatt ma kien fil-pussess tal-kwerelanta u allura wiehed mill-elementi tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa nieqes.

Fuq il-materja ta' *ragion fattasi* tal-ligi, ossija l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Kodici Kriminali, jghid is-segwenti:

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

**85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih….."**

Fil-kawza il-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

***'L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***

1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li <u>jkun qieghed iqawdi</u> u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;***[9]
2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;***
3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;***

[9] Enfasi ta' din il-Qorti

4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.'***

Ikompli jghid il-Harding fl-istess sentenza:

***'Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f' idejh, b' daqshekk ikun qieghed juzurpa f' sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.'***

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti temmen li meta wiehed ihares b'mod oggettiv mill-assjem tal-provi hu car li l-imputat kien responsabbli li nehha t-tambocc u qala' l-pipe, zewg affarijiet li kienet qed tgawdi minnhom l-parte civile. Id-dokument a folio 27 jitkellem b'mod car li l-parte civile kienet qed toggezzjona bil-qawwa kollha li b'xi mod dan ma jibqax kif kien. B'hekk b'dak li ghamel l-imputat huwa ha l-ligi b'idejh u ghamel dak li ohtu kienet espressament ipprojbitlu li jaghmel. Minghajr dubbju hu ma setax jaghmel dak li fil-fatt ghamel fiz-zewg okkazzjonijiet.

Il-Qorti ma ghandhiex dubbju li l-pipe tal-ilma ukoll jappartjeni lil Allison Azzopardi.

Ghaldaqstant, mill-assjem tal-provi mressqa, il-Qorti temmen li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova z-zewg akkuzi dedotti kontra l-imputat skond il-ligi.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 u l-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **RONNIE GAUCI HATI** tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah multa ta' **hames mitt Ewro (€500).**[10]

Il-Qorti tordna ukoll lill-hati sabiex ai termini tal-Artikolu 377(3) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirripristina t-tambocc u l-pipe tal-ilma ghal dak li kienu precedentement qabel l-incident u dan fi zmien xahar mil-lum u dan taht is-supervizjoni tal-Perit Alexei Pace. Fin-nuqqas tordna li l-kwerelanta taghmel x-xoghol ghas-spejjez tal-imputat u dan ukoll taht is-supervizjoni tal-imsemmi Perit Alexei Pace li min issa huwa inkarigat u awtorizzat li jidhol fil-propjetajiet tal-kwerelanta u tal-imputat biex jara li x-xogholijiet isiru skond is-sengha u l-arti. Dawn l-accessi ghandhom isiru fil-prezenza tal-pulizija. L-ispejjez tal-Perit Pace huma kollha a karigu tal-imputat.

Il-Qorti qeghda wkoll tikkundanna lill-hati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jhallas l-ispejjez tal-espert mahtur il-Perit Alexei Pace. Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lir-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jigbor dak li hu dovut minn ghand l-imputat in konnessjoni mal-ispejjez tal-espert mahtur l-Perit Alexei Pace.

---

[10] Art. 11.(1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29).

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 21 ta' Frar, 2025 fil-bini tal-Qorti f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur